MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

12 ta' Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
MARISA ABELA – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet ftit tard xi 5.40pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sinjura Abela li nqabdet b'xogħol.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sinjura Abela. Din ġiet aċċettata.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

44.3.1 Triq il-Linja – Kienet xi ħaġa pożittiva li l-Gvern għoġbu jagħmel din it-triq imma twaħħlu tabelli ta' devjazzjoni li kkawżaw rebus. Saret laqgħa mal-Perita Graziella Galea u s-Sur Lawrence Darmanin u l-affarijiet tranġaw ħafna. Kellu jsir ħafna xogħol ta' tindif u nħaslu diversi toroq bil-bawżer.

44.3.2 Is-Sinjura Teresa Calleja – Din rriżenjat u b'effett mill-1 ta' Settembru il-post tagħha ġie vakanti. Għalhekk ġie mitlub permess ta' part-timer imma qabel ma jiġi mpjegat xi ħadd ieħor se jiġu mfittxa skemi oħra.

44.3.3 Ħlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma – Talba minn AKL biex jingħata servizz ta' ħlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma fl-uffiċċini tal-Kunsill. Is-Sur Zammit qal li l-uffiċċini mhux aċċessibbli u m'hemmx kumdità. Fost il-punti li ssemmew intqal li l-uffiċċini huma żgħar, mhux aċċessibli, s-soqfa ma jifilhux kwantità ta' nies minħabba raġunijiet ta' Health and Safety u m'hemmx sigurtà għall-ammont ta' *money handling* u l-Kunsill ħa jkollu jidħol fi spejjeż extra. Għahekk din il-proposta ma ġietx milqugħa.

44.3.4 GoTo – Times of Malta 24/10/2017 *Ditch your car and rent one as needed Car Sharing.* Is-Sur Cordina qal li l-inizjattiva hi tajba imma ma konniex ikkonsultati. Ġie suġġerit li tintbagħat ittra lil TM u fil-każ jinsabu żewġ postijiet oħra bħal ħdejn il-bus tal-Papa. Fl-ittra jiġi kkuppjat is-Sur Mario Fava.

44.3.5 Organic Waste Collection – Saret laqgħa ma rappreżentanti ta' Wasteserv rigward l-organic waste collection. Dan se jibda jinġabar nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa mill-31/10/2018. Is-Sur Zammit qal li skont kif sema' l-borża s-sewda ħa tonqos sew imma s-Sur Spiteri qal li jekk minn erba' darbiet il-borża s-sewda ġejja bi tlieta din se tibda tintenn. Is-SE spjegat li ma tistax tinten għax frott, ħaxix, ħut u għadam ħa jibdew imorru fl-orġaniku. Ma kienx hemm qbil fuq il-ġbir ta' skart tlett darbiet biss, għalkemm is-Sur Debono qal li jekk dawn huma r-regoli irridu nimxu magħhom, imma ġie maqbul li qabel ma titnaqqas ġurnata jsir perjodu ta' prova ta' tlett xhur.
6.13pm Is-Sinjura Connie Scerri ħalliet il-kamra.

44.3.6 Jannar – Ġunju - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-perjodu msemmi ġew mislufa xejn inqas minn 9210 iktar mid-doppju għall-istess perjodu s-sena l-oħra. Dan juri ċar l-investiment tal-Kunsill f'kotba ġodda.

44.3.7 Fond DPF - dan żdied u jammonta għal €412,980.92. Hemm ammont ta' ko-finanzjament għall-progett tal-Embankment li għalih applikaw żewġ bidders biss. It-tenders mitfugħin kienu jammontaw iktar mill-prezz ibbaġitjat i.e. €125,000 - €195, 359.00c, €197, 022.60c.

44.3.8 Deputat Segretarju Eżekuttiv – Is-Sinjura Mifsud ġiet ikkonfermata Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru.

44.3.9 SPI 3/2018 – Ġiet aċċettata l-proposta sabiex isiru korsijiet tal-ECDL għaż-żgħażagħ.

44.3.10 PA 977/17 Imejl biex ikun hemm rappreżentant fuq il-Bord tal-*upgrading of primary water network between Ta' Qali, San Gwann and Pembroke.* Għalkemm fuq il-Bord se jkun hemm is-Segretarju Eżekuttiv ta' Pembroke ħa tiġi ċcekkjata l-applikazzjoni.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

44.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa:

- Konka vojta fi Triq Victor Vassallo.
- Jistax jitnaddaf il-ħaxix u l-kumplament tal-konok.
- Jekk l-iskips tal-Pjazza hux se jibqgħu hemm. Is-Sur Cordina qal li s'issa m'hemmx soluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sur Zammit li rċeviet risposta fuq il-plot fi Triq il-Pitkali fejn ġie konfermat li r-ritratti miġbuda ma jurux li hemm lok t'infurzar.

44.4.2 Is-Sur John Debono saħaq fuq:

- L-Akwadott ta' Triq Peter Paul Rubens u nforma li kienet saret it-tieni oġġezzjoni.
- Li l-Ħadd li ġej 16 ta' Settembru hemm it-tlielaq tal-Malta Marathon. Sar suġġeriment biex li jmiss issir tellieqa għat-tfal.

44.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri peress li telqet iktar kmieni għaddiet skeda ta' notamenti fuq:

- It-tindif ta' quddiem is-sub Station fi Triq Birkirkara
- Li gew ordnati 40 arbuxella mill-Mixtla ta' Wied Inċita
- Inżergħet siġra 'Plumeria' f'Gardina Frans Dingli
- Skeda ta' tisqija għall-kuntrattur

44.4.4 Is-Sur Ralph Cassar nforma fuq:

- Konsulent tas-siġar u talab biex tinħareġ talba għall-kwotazzjoni. Kulħadd qabel.
- Fhiex wasalna fl-iskema tal-Bike Racks
- Li jiġu midura l-pjanti ta' madwar il-Knisja
- Li ntraw 40 siġra 'Bzar tal-Patrijjiet u ħa jinżergħu f'Ottubru.
- Li l-Waste Reduction Day – Swap Shop se ssir fis-17 ta' Novembru 2018.

44.4.5 Is-Sur R. Azzopardi saqsa:

- X'sar fuq Gardina tal-Ġibjun?  Hemm floodlight u m'hemmx post fejn isir bank għax il-passaġġ dejjaq.
- Artiklu li deher fuq l-Orizzont il-Froga tal-Kunsill fil-21 ta' Awwissu .  Is-Sur Cordina qal li la ma kellux l-istonku jikteb ismu għalih irrevalanti.

## 44.5 Jum Ħ'Attard

44.5.1 Ġie deċiż li dan isir fis-16 ta' Novembru 2018 u għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex tittella' s-serata.

## 44.6 Rapporti

44.6.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 44.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

44.7.1 Approvazzjoni ta' żewġ kwotazzjonijiet sabiex isir xogħol ta' bookkeeping u rapporti liema stimi f'daqqa jammontaw għall-€1,500 kull tliet xhur.  Dan sabiex ix-xogħol ikun jista' jitkompla mill-Accountants preżenti separatament.  Kulħadd qabel.

44.7.2 Stima ta' tiswija ta' Belisha Light liema ħsara saret minn Transport Malta u għalhekk għandhom jiġu rifonduti lura lilna jew jiġi  mħallas direttament il-kuntrattur.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

44.8.1 Approvati wara li saru mistoqsijiet mis-Sur Zammit fuq linji 11 pagamenti lis-Sur Owen Borg, Non-Urban minħabba li ma sar xejn iktar fi Triq Hannibal.  Is-Sinjura Mifsud qalet li l-kuntratt spiċċa f'Gunju u li dawk huma l-aħħar żewġ pagamenti u linja 44 George Cortis bħalha pagament għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini minħabba li l-kuntratt spiċċa wkoll.

## 44.9 Mozzjonijiet; u

44.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 44.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Ottubru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Ottubru 2018.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv